# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 25 t'April, 2001

**Numru : 29**
**Citaz. Numru : 500/01/RCP**

**Tat-Taljan Co. Ltd.**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta konvenuta, hija vera certa u likwida debitrici a favur tas-socjeta attrici fis-somma ta elf sitt mija u sitta u sebghin lira (Lm1676) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta flus li ghadhom dovuta in

konnessjoni ma diversi prodotti ta l-ikel debitament mibjugha u konsenjati mis-socjeta attrici favur is-socjeta konvenuta skond ma kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u s-socjeta attrici qieghdha tannetti ma dan l-att affidavit skond l-artikoli imsemmija, Dok B,

Illi s-socjeta konvenuta kienet giet interpellata inutilment biex thallas dan id-dejn;

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-istess socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167 - 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta;

2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta Lm1676 favur is-socjeta attrici bhala bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta skond kif spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta qbid prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data ta kul konsenja rispettiva sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Rita Giannetti ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta elf, sitt mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm1676) favur is-socjeta attrici bhala bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta skond kif spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta qbid prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data ta kul konsenja rispettiva sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**25 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 t'April, 2001**